I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, Euratom) Nru 420/2008

ta' l-14 ta' Mejju 2008

li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2007, ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 63, 65 u 82 u l-Annessi VII, XI u XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20, u l-Artikoli 64 u 92 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Italja, fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali adottata f'Diċembru 2007, ikkomunikat id-*data* l-ġdida dwar iż-żieda retroattiva tar-remunerazzjoni reali tal-ħaddiema taċ-ċivil fil-gvern ċentrali f'dak l-Istat Membru b'effett mill-1 ta' Frar 2007, li taqa' fil-perjodu ta' referenza mill-1 ta' Lulju 2006 sa l-1 ta' Lulju 2007, u għalhekk l-Eurostat immodifika l-Indikatur Speċifiku għall-perjodu ta' referenza.

(2) Ġaladarba dik id-*data* ma kenitx disponibbli meta l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta li tikkonċerna l-perjodu ta' referenza mill-1 ta' Lulju 2006 sa l-1 ta' Lulju 2007, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1558/2007 li ġie addottat abbażi ta' dik il-proposta, ma kkunsidrax iż-żieda attwali fir-remunerazzjoni fis-servizz ċivili Taljan.

(3) Sabiex jiggarantixxi li s-saħħa tax-xiri ta' uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunità tikber b'mod parallel ma' dik ta' ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali ta' l-Istati Membri, ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunitajiet għandhom jiġu aġġustati permezz ta' reviżjoni addizzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, it-tabella tas-salarji bażiċi fix-xahar fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbli għall-finijiet tal-kalkolu tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1558/2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 1).

1.7.2007	Skala				
Grad	1	2	3	4	5
16	15 824,35	16 489,31	17 182,21		
15	13 986,08	14 573,79	15 186,20	15 608,71	15 824,35
14	12 361,36	12 880,80	13 422,07	13 795,49	13 986,08
13	10 925,38	11 384,48	11 862,87	12 192,91	12 361,36
12	9 656,21	10 061,97	10 484,79	10 776,50	10 925,38
11	8 534,47	8 893,10	9 266,80	9 524,62	9 656,21
10	7 543,05	7 860,02	8 190,31	8 418,17	8 534,47
9	6 666,80	6 946,94	7 238,86	7 440,26	7 543,05
8	5 892,33	6 139,94	6 397,95	6 575,95	6 666,80
7	5 207,84	5 426,68	5 654,72	5 812,04	5 892,33
6	4 602,86	4 796,28	4 997,82	5 136,87	5 207,84
5	4 068,16	4 239,11	4 417,24	4 540,14	4 602,86
4	3 595,57	3 746,66	3 904,10	4 012,72	4 068,16
3	3 177,89	3 311,43	3 450,58	3 546,58	3 595,57
2	2 808,72	2 926,75	3 049,73	3 134,58	3 177,89
1	2 482,44	2 586,76	2 695,45	2 770,45	2 808,72

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont ta' benefiċċju għall-vakanzi tal-ġenituri msemmija fl-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 852,74 u EUR 1 136,98 għal ġenituri weħidhom.

Artikolu 3

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont bażiku tal-benefiċċju tal-familja msemmi fl-Artikolu 1(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 159,49.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont tal-benefiċċju tat-tfal dipendenti msemmi fl-Artikolu 2(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 348.50.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont tal-benefiċċju ta' l-edukazzjoni msemmi fl-Artikolu 3(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 236,46.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont tal-benefiċċju ta' l-edukazzjoni msemmi fl-Artikolu 3(2) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 85,14.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont minimu tal-benefiċċju għall-espatrijazzjoni msemmi fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) ta' l-Anness VII tiegħu għandu jkun ta' EUR 472,70.

Artikolu 4

B'effett mill-1 ta' Jannar 2008, il-benefiċċju kilometriku imsemmi fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 8(2) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi aġġustata kif ġej:

EUR 0 għal kull kilometru bejn 0 u 200 km

EUR 0,3545 għal kull kilometru bejn 201 u 1 000 km

EUR 0,5908 għal kull kilometru bejn 1 001 u 2 000 km

EUR 0,3545 għal kull kilometru bejn 2 001 u 3 000 km

EUR 0,1181 għal kull kilometru bejn 3 001 u 4 000 km

EUR 0,0569 għal kull kilometru bejn 4 001 u 10 000 km

EUR 0 għal kull kilometru 'l fuq minn 10 000 km.

Ma' dan il-benefiċċju ta' kull kilometru t'hawn fuq għandu jiżdied suppliment b'rata fissa, li jammonta għal:

— EUR 177,22 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-impjieg u l-post ta' l-oriġini hija bejn 725 km u 1 450 km,

— EUR 354,41 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-impjieg u l-post ta' l-oriġini hija aktar minn 1 450 km.

Artikolu 5

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont tal-benefiċċju għall-għajxien ta' kuljum imsemmi fl-Artikolu 10(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta':

— EUR 36.63 għall-uffiċjali li għandhom dritt għal benefiċċju tal-familja,

— EUR 29.53 għall-uffiċjali li m'għandhomx dritt għal benefiċċju tal-familja.

Artikolu 6

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, il-limitu minimu tal-benefiċċju għall-istallazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(3) tal-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra għandu jkun ta':

— EUR 1 042,85 għal ħaddiem li huwa intitolat għal benefiċċju tal-familja,

— EUR 620,08 għal ħaddiem li mhux intitolat għal benefiċċju tal-familja.

Artikolu 7

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, il-limitu minimu tal-benefiċċju tal-qgħad imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 28a(3) tal-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, għandu jkun ta' EUR 1 250,67, il-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 2 501,35 u l-benefiċċju *standard* għandu jkun ta' EUR 1 136,98.

Artikolu 8

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, it-tabella tas-salarji bażiċi fix-xahar fl-Artikolu 63 tal-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

1.7.2007		Skala			
Kategorija	Grupp	1	2	3	4
A	I	6 374,10	7 163,65	7 953,20	8 742,75
	II	4 626,21	5 077,00	5 527,79	5 978,58
	III	3 887,62	4 060,79	4 233,96	4 407,13
B	IV	3 734,56	4 100,17	4 465,78	4 831,39
	V	2 933,43	3 126,80	3 320,17	3 513,54
C	VI	2 789,91	2 954,16	3 118,41	3 282,66
	VII	2 497,07	2 582,03	2 666,99	2 751,95
D	VIII	2 256,96	2 389,89	2 522,82	2 655,75
	IX	2 173,54	2 203,82	2 234,10	2 264,38

Artikolu 9

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, it-tabella tas-salarji bażiċi fix-xahar fl-Artikolu 93 tal-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Grupp ta' Funzjoni	1.7.2007	Skala						
	Grad	1	2	3	4	5	6	7
IV	18	5 455,05	5 568,49	5 684,30	5 802,51	5 923,17	6 046,35	6 172,09
	17	4 821,32	4 921,58	5 023,93	5 128,40	5 235,05	5 343,92	5 455,05
	16	4 261,20	4 349,82	4 440,28	4 532,62	4 626,88	4 723,10	4 821,32
	15	3 766,16	3 844,48	3 924,43	4 006,04	4 089,35	4 174,39	4 261,20
	14	3 328,63	3 397,85	3 468,51	3 540,64	3 614,28	3 689,44	3 766,16
	13	2 941,93	3 003,11	3 065,56	3 129,31	3 194,39	3 260,82	3 328,63
III	12	3 766,10	3 844,42	3 924,36	4 005,97	4 089,27	4 174,31	4 261,11
	11	3 328,60	3 397,82	3 468,48	3 540,60	3 614,23	3 689,38	3 766,10
	10	2 941,92	3 003,10	3 065,55	3 129,30	3 194,37	3 260,80	3 328,60
	9	2 600,17	2 654,24	2 709,43	2 765,77	2 823,29	2 881,99	2 941,92
	8	2 298,11	2 345,90	2 394,68	2 444,48	2 495,31	2 547,20	2 600,17
II	7	2 600,10	2 654,18	2 709,39	2 765,74	2 823,27	2 881,99	2 941,93
	6	2 297,99	2 345,79	2 394,58	2 444,38	2 495,22	2 547,12	2 600,10
	5	2 030,98	2 073,23	2 116,35	2 160,37	2 205,30	2 251,17	2 297,99
	4	1 795,00	1 832,33	1 870,45	1 909,35	1 949,06	1 989,60	2 030,98
I	3	2 211,30	2 257,19	2 304,04	2 351,86	2 400,67	2 450,49	2 501,35
	2	1 954,88	1 995,46	2 036,87	2 079,14	2 122,29	2 166,34	2 211,30
	1	1 728,20	1 764,07	1 800,68	1 838,05	1 876,20	1 915,14	1 954,88

Artikolu 10

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, il-limitu minimu tal-benefiċċju għall-istallazzjoni msemmija fl-Artikolu 94 tal-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra għandu jkun ta':

— EUR 784,40 għal ħaddiem li huwa intitolat għal benefiċċju tal-familja,

— EUR 465,05 għal ħaddiem li mhux intitolat għal benefiċċju tal-familja.

Artikolu 11

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, il-limitu minimu tal-benefiċċju tal-qgħad imsemmi fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 96(3) tal-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema oħra, għandu jkun ta' EUR 938,01, il-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 1 876,01 u l-benefiċċju *standard* għandu jkun ta' EUR 852,74.

Artikolu 12

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, il-benefiċċji tax-xogħol tax-*shift* imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 [1] għandhom ikunu ta' EUR 357,45, EUR 539,51, EUR 589,88 u EUR 804,20.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal benefiċċju tax-xogħol tax-*shift*, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom (ĠU L 38, 13.2.1976, p. 1). Ir-Regolament kif komplut bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1307/87 (ĠU L 124, 13.5.1987, p. 6), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 1558/2007.

Artikolu 13

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammonti li jidhru fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 ([1]) għandhom ikunu suġġetti għal koeffiċjent ta' 5,159819.

Artikolu 14

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, it-tabella fl-Artikolu 8(2) tal-Anness XIII għar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

1.7.2007	Skala							
Grad	1	2	3	4	5	6	7	8
16	15 824,35	16 489,31	17 182,21	17 182,21	17 182,21	17 182,21		
15	13 986,08	14 573,79	15 186,20	15 608,71	15 824,35	16 489,31		
14	12 361,36	12 880,80	13 422,07	13 795,49	13 986,08	14 573,79	15 186,20	15 824,35
13	10 925,38	11 384,48	11 862,87	12 192,91	12 361,36			
12	9 656,21	10 061,97	10 484,79	10 776,50	10 925,38	11 384,48	11 862,87	12 361,36
11	8 534,47	8 893,10	9 266,80	9 524,62	9 656,21	10 061,97	10 484,79	10 925,38
10	7 543,05	7 860,02	8 190,31	8 418,17	8 534,47	8 893,10	9 266,80	9 656,21
9	6 666,80	6 946,94	7 238,86	7 440,26	7 543,05			
8	5 892,33	6 139,94	6 397,95	6 575,95	6 666,80	6 946,94	7 238,86	7 543,05
7	5 207,84	5 426,68	5 654,72	5 812,04	5 892,33	6 139,94	6 397,95	6 666,80
6	4 602,86	4 796,28	4 997,82	5 136,87	5 207,84	5 426,68	5 654,72	5 892,33
5	4 068,16	4 239,11	4 417,24	4 540,14	4 602,86	4 796,28	4 997,82	5 207,84
4	3 595,57	3 746,66	3 904,10	4 012,72	4 068,16	4 239,11	4 417,24	4 602,86
3	3 177,89	3 311,43	3 450,58	3 546,58	3 595,57	3 746,66	3 904,10	4 068,16
2	2 808,72	2 926,75	3 049,73	3 134,58	3 177,89	3 311,43	3 450,58	3 595,57
1	2 482,44	2 586,76	2 695,45	2 770,45	2 808,72			

Artikolu 15

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont tal-benefiċċju tat-tfal dipendenti msemmi fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 14 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun kif ġej:

1.7.2007-31.12.2007 EUR 320,54

1.1.2008-31.12.2008 EUR 334,51

Artikolu 16

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont tal-benefiċċju ta' l-edukazzjoni msemmi fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 15 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun kif ġej:

1.7.2007-31.8.2007 EUR 51,07

1.9.2007-31.8.2008 EUR 68,10

([1]) Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1558/2007.

Artikolu 17

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, għall-finijiet ta' l-Artikolu 18(1) ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ammont tal-benefiċċju b'rata fissa msemmi fl-Artikolu 4a ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandu jkun ta':

— EUR 123,31 fix-xahar għal uffiċjali fil-Gradi C4 jew C5,

— EUR 189,06 fix-xahar għal uffiċjali fil-gradi C1, C2 jew C3.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
A. BAJUK